# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

## Suldat fil-Forzi Armati ta' Malta






Suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa prinċipalment inkarigat li jżomm l-integrità territorjali u s-sigurtà ta' Malta. Minbarra d-dmirijiet ta' rutina ta' suldat, l-Armata toffri diversi opportunitajiet fi professjonijiet differenti. Dawn jinkludu suldati li huma impjegati bħala koki, infermiera, mekkaniks, tekniċi u bandisti fost l-oħrajn. Ix-xogħol ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa wieħed li jispikka minn xogħlijiet oħrajn. Dan minħabba n-natura tax-xogħol innifsu, id-dixxiplina li tirrikjedi din il-professjoni u l-isfidi kontinwi li suldat ikollu jiffaċċja waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-proċess sabiex wieħed jissieħeb fil-Forzi Armati ta' Malta jibda billi toħroġ sejħa għall-ingaġġ. Wara li persuna interessata tissottometti applikazzjoni, isiru numru ta' eżamijiet. Dawn jinkludu eżamijiet mediċi u fiżiċi u intervista li fiha l-applikanti magħżula jibdew flimkien dak li jissejjaħ "reklutaġġ". Dan huwa perjodu ta' taħriġ intensiv sabiex l-individwu jibda jitgħallem is-sengħa ta' suldat. L-għanijiet ewlenin tar-reklutaġġ huma sabiex ikun hemm tranżizzjoni mill-ħajja ċivili għal dik militari kif ukoll biex grupp ta' suldati prospettivi jkunu ħadu l-istess tagħlim militari bażiku u jkunu konformi ma' suldati oħrajn li diġà qegħdin iservu. Huwa tabilħaqq f'dan iż-żmien li individwu jibda jitgħallem il-professjoni ta' suldat.

Wara li jtemm b'suċċess ir-reklutaġġ, ir-rekluta jiggradwa bħala gunner. Qabel tmiem ir-reklutaġġ kull rekluta jiġi mistoqsi biex jindika liema sezzjoni jippreferi, li fiha jkun jixtieq ikompli jibni l-karriera tiegħu. Hemm diversi sezzjonijiet fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta li gunner jista' jservi fihom, pereżempju fl-Ewwel Riġment (riġment inkarigat primarjament minn xogħol ta' sigurtà u operazzjonijiet fuq l-art), l-Iskwadra tal-Avjazzjoni u l-Iskwadra Marittima.

Meta gunner jiġi stazzjonat fi kwalunkwe sezzjoni dan jingħata taħriġ speċjalizzat f'oqsma aktar speċifiċi. Hawnhekk suldat jista' jispeċjalizza bħala xufier ta' vetturi militari, kok, bandist u ħaddiem ta' sengħa partikolari, bħal welder, mastrudaxxa u ħafna oħrajn. Grazzi għal dan it-taħriġ gunner jista' eventwalment ikompli jipprogressa fil-karriera tiegħu u jikseb promozzjonijiet oħrajn fil-futur.

It-tagħlim huwa proċess kontinwu fil-karriera ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta. Dan ma jinkludix biss taħriġ militari iżda jinkludi wkoll tagħlim akkademiku, mogħti lokalment jew fi wħud mill-aqwa skejjel militari lil hinn minn xtutna. Dan huwa essenzjali sabiex is-suldat Malti jkun dejjem aktar mgħammar u aġġornat b'ħiliet aktar avvanzati, sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar biex jaqdi dmirijietu bl-ogħla livelli ta' professjonalità.

Forsi ħafna jassoċjaw ix-xogħol primarju tas-suldat Malti ma' dak li jipprovdi sigurtà fil-gżejjer Maltin u fl-ispazji (il-baħar u l-ajru) tat-territorju tagħhom. Dan huwa veru. Ta' kuljum issir sorveljanza ma' postijiet sensittivi bħall-Berġa ta' Kastilja u l-Palazz ta' Sant'Anton fost l-oħrajn. Rondi ta' sorveljanza fl-ispazji tat-territorju tagħna jsiru wkoll regolarment. Ma nistgħux ma nsemmux ix-xogħol tant siewi ta' tiftix u salvataġġ, fejn is-suldat Malti jsalva tant ħajjiet ta' dawk f'perikli kbar.

Ugwalment importanti huwa l-irwol tas-suldat li mhuwiex ingaġġat f'sezzjoni operattiva imma forsi f'sezzjoni amministrattiva jew ta' sapport loġistiku. Fost dawn insibu skrivani, koki, xufiera, infermiera, tobba, nies li jaħdmu fl-imħażen militari kif ukoll suldati li għandhom xi sengħa partikolari. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li bħala organizzazzjoni dejjem naraw li kemm jista' ikun l-Armata tkun awtosuffiċjenti (ma tiddependi minn ħadd).

Il-Forzi Armati ta' Malta hija bħal katina: katina twila b'saħħitha magħmula minn ħafna ħoloq. Kull ħolqa tirrappreżenta l-kompetenza ta' kull suldat fil-Forza. Ħolqa waħda fraġli jew difettuża u din l-katina tiddgħajjef jew tinqata'. Tabilħaqq ix-xogħol ta' suldat fil-Forzi Armati ta' Malta huwa xogħol li jirrikjedi dedikazzjoni, sagrifiċċju u impenn, biss huwa wkoll xogħol li jagħtik sodisfazzjon għal ħajtek kollha.

*Żomm kuntatt magħna!*

servizz pubbliku

